SAN LAWRENZ

Il-minuti tal-erbgha u ghoxrin laqgha li nzammet nhar il-Hamis 20 ta' Gunju 2013 fil-5:30 ta' filghaxija fl-ufficju tal-Kunsill.

Prezenti:

Sindku: Anthony Formosa

Vici Sindku: Anthony Cassar

Kunsilliera: Michelina Mercieca

John Mercieca

Rose Vella

Segretarju Ezekuttiv: Lucienne Haber

1.0 Il-laqgha bdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2.0 Korrispondenza**

2.1 Giet trattata l-korrispondenza minghand il-Joint Committee rigward id-depozitu tal-flus migbura mit-tickets li nghataw qabel Awissu 2011 biex jigu depozitati fil-Bank Account tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jiffirma dan il-ftehim.

**3.0 Laqgha mal-avukata u l-perit dwar is-servizzi tal-isqaqien**

3.1 Il-Perit Shawn Micallef u l-avukata Angele Aguis kienu prezenti ghal-laqgha. Il-perit fisser kif id-diskrepanza bejn il-kontijiet tal-kuntrattur u l-istimi tal-WSC kienet ikkagunata mill-fatt li l-

kuntrattur hadimha per metre run filwaqt li l-WSC hadmuha per metric cube. Il-Perit Micallef fisser kif l-istimi provduti mil-WSC jinkludu 20% Contingencies . Huwa semma li l-kuntrattur gie kkuntatjat b'dawn id-diskrepanzi u stqarr li lest li jibdel il-kontijiet mal-istimi provduti.

3.2 Sadanittant Is-Sur George Bonnici tal-WSC ser jipprovdi l-istima riveduta ta' Sqaq Pawluzzu peress li f'dan l-isqaq ghadda main tal-ilma doppju.

## 4.0 Offerta – Pavimentar tat-Triq tal-Pjazza

4.1 Il-Kunsill qabel li għandu jimxi mar-rakkommendazzoni tal-Bord, dik li l-għażla taqa fuq l-unika offerta mitfugħa, dik ta' Joe Grima u li għandha tintbgħatlu l-letter of award.

4.2 Il-Viċi Sindku irrefera għal dikarazzjoni li kien għamel sabiex jastjeni mid-deċizzjoni ta' din l-offerta kienet għar-rigward tal-ħxuna tal-pavimentar peress li l-ispecifications originarji tal-offerta ma kienux jifilħu għal dak it-toqol. Issa li l-ispecifications gew modifikati għal dak it-toqol, jaqbel mad-deċizzjoni li l-kuntrattur ser jassorbi huwa d-differenza fil prezz għax-xiri tal-materjal.

4.3 Sar qbil li għandna nitolbu lil Perit sabiex jitieħed sample tal-konkos li ser jintuża.

4.4 Sar qbil ukoll li nitolbu workplan mingħand il-Kuntrattur għat-tqassim tax-xogħol tal-pavimentar tal-pjazza.

## 5.0 Problemi Ċentru Dwejra

5.1 Fid-dawl li l-kuntratt li l-MEPA għandha mal-owner tar-restaurant sabiex jissuplixxi ċ-Ċentru bid-dawl, u għal fatt li dan jiskadi fl-aħħar ta' Gunju, il-Kunsill qabel li ma għandux triq oħra għajr li fil-preżent jinfetaħ mingħajr dawl sakemm titlesta t-trinka tal-generator.

5.2 Is-Segretarja rreferiet għal-fatt li l-Perit Godwin Sultana kkonferma mal-MEPA u l-permess tat-tpoggija tal-generator fl-pjazza huwa 'covered' mill-Permess tad-Dwejra Management Plan u

għalhekk jista b'effett immedjat jitpogga fis-sit approvat mill-MEPA. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsilliera Rose Vella rrimarkat li hija taqbel ma din id-deċizzjoni bil-patt li l-generator jintuża għaċ-Ċentru biss. Il-Kunsillier John Mercieca jaqbel mad-decizzjoni bil-patt li l-permess dakinhar inħareg mid-Dwejra Management Board u mhux mill-Kunsill.

## 6.0 Materji Oħra

6.1 Saret referenza għall-fatt li l-Progett Panacea ser jissemma' fuq il-programm "Lineablu" fuq l-istazzjon televiziv taljan ir-RAI.

6.2 Sar qbil li għandna nibgħatu nvit lill-iskejjel tal-gvern sabiex iżuru ċ-Ċentru.

6.3 Il-Kunsillier John Mercieca semma' li għandu jsir proġett kapitali fil-ħofra tal-iskola, bhalma huwa *night shelter* għall-anzjani u ghassa tal-pulizija li taghti ghat-triq. Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta l-problema tal-edukazzjoni fil-lokal u għal fatt li jista jkun il-kaz li tingħalaq l-iskola għax ma jkunx hemm bizzejjed tfal.

Anthony Formosa

Sindku

Lucienne Haber

Segretarju Ezekuttiv